Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 3/2017

**Edmond Azzopardi**

**vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali**

1 ta' Dicembru, 2017.

1. B'decizjoni li nghatat fil-21 ta' Frar, 2017 mit-Tribunal tal-Arbitragg skont l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318), gie iddikjarat illi, *'wara li dipartiment kien illimita l-kwistjoni sempliciment ghall-fatt li l-appellant kien cahhad lilu nnifsu mill-mezzi b'mod li jikkwalifika ghall-Ghajnuna ghall-Qghad'*, sab illi l-attur ma kienx jikkwalifika ghall-istess Ghajnuna ghall-Qghad.

2. Edmond Azzopardi appella, bl-aggravju jkun:

> *" [….] l-Arbitru kien skorrett meta cahad l-appell ta' l-appellant sempliciment ghaliex l-appellant u martu kienu ghaddew b'donazzjoni bicca art agrikola u post zghir lil binhom u dan minghajr ma nfurmaw id-dipartiment koncernat. Illi gie precizat illi l-art li wirtet il-mara giet ceduta sabiex jithallas dejn li kien hemm bejn il-familjari; u rigward il-fond dan nghadda lil binhom sabiex jkun jista' jifforma familja u bhala kumpens ghal dak kollu li binhom ghamel maghhom meta l-appellant kien bed ridden ghal ghaxar snin shah;*
>
> *Illi di piu' gie dikjarat li meta dan il-fond kien nghadda lill-appellant dan kien intrabat li jghaddi l-istess fond lill-uliedu u dan bla ebda hlas. Iddikjara li ma sar l-ebda qliegh u di piu' dan ma sar b'ebda intenzjoni li b'xi mod jcahhad lilu nnifsu minn xi mezzi bl-intenzjoni li huwa jkun jista' jikkwalifika ghall-beneficcju tal-qghad. Di fatti huwa kien jitkellem kollox mal-impjegati tal-dipartiment distrettwali tieghu rigward kull pass li huwa kien jaghmel. Illi l-appellant huwa bniedem ta' ftit skola u dejjem mexa skond il-parir li kien jinghata mid-dipartiment ikkoncernat"*;

3. L-appellat wiegeb li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-qorti tosserva li dan 'il fatt ma holoq l-ebda pregudizzju lill-appellat, li xorta pprezenta twegiba li hi ffirmata minn avukat li tahdem fl-ufficcju tal-Avukat Generali.

   L-appellat qal ukoll li l-appell hu nfondat fil-fatt u fid-dritt u rrizulta car illi l-Arbitru wasal ghad-decizjoni tieghu ai termini tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta wara li

gharbel il-provi kollha tal-kaz skont ir-rekwiziti tal-gustizzja u l-ekwita'.

Fl-investigazzjoni taghhom, l-Ispettorat ikkonsulta mal-*case papers* tal-Ghajnuna tal-Qaghad (UA) kif ukoll tal-Ghajnuna tal-Mard (SKA) tal-appellant, fejn ma rrizultax li l-appellant qatt kien iddikjara mad-Dipartiment li huwa kien involut f'diversi kuntratti ta' xiri, bejgh u donazzjonijiet ta' proprjeta', b'mod partikolari d-donazzjonijiet li saru minn ghand l-appellant u martu fil-konfront ta' binhom Justin Azzopardi, sia fir-rigward tal-fond bin-numru '288/289, Main Streen, Qormi', ir-Remissa li tinsab ftit 'l fuq mill-Ghassa ta' Hal Qormi, u l-fond fi Triq il-Hlas, Haz-Zebbug.

Ghal tali motivazzjoni, l-Ispettorat irrakkomanda lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali sabiex jiehu l-passi necessarji u jigbor kull hlas zejjed mis-sena 2004 'il quddiem stante li l-appellant ma onorax l-obbligu tieghu li jiddikjara kollox kif kellu jaghmel u li eventwalment huwa cahhad lilu nnifsu minn kapital li kellu sabiex ikun eliggibli ghal beneficcji in kwistjoni.

Hu car illi l-appellant kellu obbligu li jinforma lid-Dipartiment b'dan it-tibdil ta' cirkostanzi ghaliex fl-ahhar mill-ahhar *'kazijiet hemm involut l-interess tal-komunita' in generali u ta' dawk kollha fis-socjeta' li jgorru fuq spallejhom il-pizijiet tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali'*[1].

Illi apparti li l-beneficcjarju ma nfurmax lid-Dipartiment b'dak kollu li kellu a disposizzjoni tieghu, l-iktar li jikkoncerna lid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali huma d-donazzjonijiet li saru mill-appellant u dan stante li fl-opinjoni tad-Direttur appellat, l-appellant cahhad lilu nnifsu mill-kapital li kellu a dispozizzjoni tieghu permezz ta' atti ta' donazzjonijiet sabiex ikun u/jew jibqa' elegibbli ghal beneficcju in kwistjoni;

Illi meta beneficcjarju jaghmel donazzjoni f'isem terza persuna, huwa dejjem ghandu l-oneru li jikkonvinci lid-Direttur ir-raguni valida wara tali donazzjonijiet u dan kif tispjega l-gurisprudenza taghna, fosthom fis-sentenza 'Mary Borg vs Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali, deciza nhar it-23 ta' Frar tal-2005, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Dan huwa ferm importanti ghad-Direttur appellat ghaliex b'hekk id-Dipartiment ikun f'pozizzjoni li jiddetermina li persuna ma tkunx qed icahhad lilha nnifisha mill-kapital taghha kappriccozament u jidentifika jekk persuna tibqax elegibbli ghal beneficcju in kwistjoni.

Ghaldaqstant id-decizjoni hi gusta u ghandha tigi kkonfermata.

[1] *Anthony Bord vs Direttur Generali tas-Sigurta' Socjali*, deciza nhar it-13 ta' Frar tal-2009, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri);

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

4. Jirrizulta li wara investigazzjoni li saret mid-Dipartiment tal-Frodi u Investigazzjonijiet, l-appellat kien iddecieda li l-appellant ma kienx iktar intitolat ghall-Allowance Supplimentari ghaliex, *"ma setax ikun sodisfatt li l-kapital tal-appellant ma jeccedix l-iskala stabbilita u/jew li ma cahhadtx lilu nnifsu minn mezzi sabiex jikkwalifika ghall-Ghajnuna"*.

5. Fid-decizjoni l-Arbitru osserva li f'zewg okkazzjonijiet, fil-11 ta' Gunju, 2009 u 11 ta Awissu 2004, l-appellant kien ta b'donazzjoni lill-ibnu immobbli u martu akkwistat sehem minn proprjeta li ghandha valur.

6. Mill-atti jirrizulta li l-appellant:

- Fil-11 ta' Awissu, 2004, mart l-appellant kienet parti f'kuntratt li bih akkwistat nofs indiviz ta' zewg eghlieqi f'Haz-Zebbug, b'valur komplessiv ta' €25,273.
- Fit-30 ta' Settembru, 2004, inbieghet porzjon art. L-appellant u martu rcevew €2,329.50;
- Fl-1 ta' Frar, 2008, l-appellant flimkien ma' martu biegh garaxx (37, Triq il-Gandlora, Zebbug) bil-prezz ta' €8,153. Fond li kien xtara ghall-prezz ta' €6,988.
- Fil-11 ta' Gunju, 2009 ta b'donazzjoni lill-ibnu fond, F'Main Street, Qormi. Fil-kuntratt gie ddikjarat li l-fond ghandu valur ta' €46,000.

7. Ma jirrizultax li l-appellant qatt gharraf lid-Dipartiment b'dawn it-transazzjonijiet. Hu evidenti li l-appellant heba fatti rilevanti mid-Dipartiment. L-obbligu li jinghata taghrif qieghed fuq il-beneficjarju li jircievi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318). Fic-cirkostanzi l-appellat kien gustifikat li jwaqqaf l-ghajnuna supplimentari li kien qieghed jircievi l-appellant.

8. Fir-rikors tal-appell, l-appellant argumenta li l-art li akkwistat martu kienet giet ceduta sabiex jithallas dejn filwaqt li d-donazzjoni li saret lill-ibnu kienet biex ikollu post fejn *"jifforma familja u bhala kumpens ghal dak kollu li binhom ghamel maghhom meta l-appellant kien bed ridden ghal snin shah"*. Dawn baqghu biss allegazzjonjiet ghaliex mhemmx provi. L-istess mhemmx prova, li *"... meta dan il-fond kien nghadda lill-appellant dan kien ntrabat li jghaddi l-istess fond lill-uliedu u dan bla ebda hlas"*, kif ukoll li l-appellant kien qieghed igharraf lill-impjegati tad-Dipartiment b'kull pass li kien qieghed jaghmel. Fic-cirkostanzi mhemmx bazi biex din il-qorti ma taqbilx mad-decizjoni appellata.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.